Suġġett

Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni inkluża fl-ittra tal-Kummissjoni tal-10 ta' Lulju 2009 li tittermina l-parteċipazzjoni tar-rikorrenti f'żewġ proġetti Komunitarji u tan-noti ta' debitu maħruġa fis-7 ta' Awwissu 2009 li permezz tagħhom il-Kummissjoni talbet ir-rimbors tas-somom imħallsa fil-kuntest tal-proġetti Komunitarji li pparteċipat fihom ir-rikorrenti.

Dispożittiv

1) Il-Kummissjoni Ewropea hija kkunsidrata bħala l-unika konvenuta.

2) It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.

3) L-ispejjeż huma rriżervati.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali (Imħallef uniku) tat-18 ta' Marzu 2010 — KEK Diavlos vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-190/07)

"Għajnuna finanzjarja mogħtija fil-kuntest tal-programm ta' informazzjoni taċ-ċittadin Ewropew (Prince) — Proġett li jikkonċerna t-tħejjija għall-introduzzjoni tal-Euro fl-iskejjel — Deċiżjoni li tordna r-rimbors tal-ħlas mogħti bil-quddiem — Obbligu ta' motivazzjoni — Żball ta' evalwazzjoni"

Rikors għal annullament — Motivi — Nuqqas jew insuffiċjenza ta' motivazzjoni — Żball ta' evalwazzjoni (Artikolu 230 KE) (ara l-punti 36-39, 48, 50-52, 66, 67, 70, 74, 77)

Suġġett

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2006) 465 finali, tat-23 ta' Frar 2006, li tordna r-rimbors tal-ammont tal-ħlas bil-quddiem, miżjud bl-interessi moratorji, mogħti taħt il-kuntratt ta' għajnuna finanzjarja konkluż fil-kuntest tal-programm Prince, għal proġett intitolat "The EURO — Its genuine and essential impact on schoolchildren" (Eurogenesis), li jikkonċerna t-tħejjija għall-introduzzjoni tal-Euro fl-iskejjel.

Dispożittiv

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) KEK Diavlos hija kkundannata għall-ispejjeż.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali (It-Tielet Awla) tad-19 ta' Marzu 2010 — Mirto Corporación Empresarial vs UASI — Maglificio Barbara (Mirtillino)

(Kawża T-427/07)

"Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva Mirtillino — Trade mark Komunitarja verbali preċedenti MIRTO — Raġuni relativa għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 [li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009]"

Trade mark Komunitarja — Definizzjoni u kisba tat-trade mark Komunitarja — Raġunijiet relattivi għal rifjut — Oppożizzjoni mill-proprjetarju ta' trade mark preċedenti identika jew li tixxiebah irreġistrata għal prodotti jew servizzi identiċi jew li jixxiebhu — Probabbiltà ta' konfużjoni mat-trade mark preċedenti (Regolament tal-Kunsill Nru 40/94, Artikolu 8(1)(b)) (ara l-punti 40-42, 81)